MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Numru 905/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**RONNIE CELESTE**

**Illum 21 ta' Novembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet li permezz taghhom Ronnie Celeste ta' 17 il-sena, bin Domenic u Doris nee Farrugia, imwieled il-Pieta fil-13.09.1986 u joqghod 19, Triq il-Brolli Birzebbugia bin-numru tal-Identita: 415686(M) gie akkuzat:

Talli fiz-zmien ta' x-xahar ta' Jannar u Frar tas-sena 2002 mill-ATMs tal-BOV branches ta' Birzebbugia u Rahal Gdid b'diversi azzjonijiet maghmula fi zmienijiet differenti b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' credit card cioe BOV cashlink ghad dannu tal-Bank of Valletta kif wkoll ikkommetta serq ta' ammont ta' flus li jeccedi l-mitt lira (LM100) izdama jeccediex il-elf lira Maltin, liema ammont huwa ta' Tlett Mitt Lira (LM300) ghad-dannu ta' Roderick Caruana, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna, u bil-hin bi ksur ta' l-artikoli 261(c)(d)(f), 267(d), u 268(b)(d), 270, 271(g), 280(1) u 281(c) tal-Kapiltu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u hin, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew tal kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intrapprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta krediti immaginarji ghamel qliegh ta' LM225 bi hsara ta' Roderick Caruana bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 309 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Genarali esebit bhala Dok NL1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi mgjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jikkonfermax l-ammissjoni jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 37, 261(c), (d) u (f), 267, 268(b) u (d), 270, 271(g), 280(1), 281(c), 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta, Malta.

Issib lill-imputat Ronnie Celeste, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta' tal-imputat, il-fedina penali netta tieghu, il-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Ronnie Celeste, taht il-Provvedement tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx, reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ronnie Celeste l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------